MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2007

Talba Numru. 404/2007

**MALTACOM PLC**

**Vs**

**ROBERTO CONTE**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat li giet ipprezentata fis-7 ta` Mejju, 2007, fejn gie mitlub li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta` mitejn u tmienja u erbghin lira u centezmu (Lm 248.01), rapprezentat ammont li ghadu dovut minnu in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon bin-numri 21800278 u 21896720 u dana kien jirrizulta mid-dokumenti annessi u mmarkati Dok. A u Dok. B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz kontra l-konvenut li kien ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li ghalkemm il-konvenut kien legalment notifikat baqa` ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghat-talba attrici.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie msejjah tlett darbiet fis-seduta ta` llum huwa baqa` ma pprezentax ruhu sabiex jaghti spjegazzjoni il-ghala dan l-ammont kien ghadu ma thallasx.

Sema` lil PL Noel Scerri li bil-gurament tieghu kkonferma li l-ammont mitlub f`dina l-kawza kien ghadu dovut sa l-gurnata ta` llum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa` t-talba attrici u konsegwentement jikkundanna lil konvenut Roberto Conte sabiex ihallasha s-somma mitluba ta` mitejn u tmienja u erghin lira u centezmu (Lm 248.01), bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-prezentata ta` dan l-avviz u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------